**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Conrad Pace**

Illum, 2 ta' Gunju 2025

Il Qorti:

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Conrad Pace ta' 46 sena, imwieled Pieta` nhar il-15 ta Novembru 1977 iben Joseph u Dorothy nee' Attard u li joqghod Fl 8, Blk D, Triq Wied Babu, Zurrieq, u detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 552177(M)

Akkuzat talli:

*Bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-20 ta' Awwissu 2022 gewwa dawn il- gzejjer:*

*Meta d-diversi atti, ukoll jekk fizminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzioni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzioni wahda;*

*Approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu liema haga giet fdata jew ikkunsinata lilu minhabba l-professjoni, industrja, kummerc amministrazzioni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew sabiex isir uzu minnha specifikat.*

II-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jagsmu mal-hatra ta esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti fil-mori tal-appell, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet li saret waqt is-seduta tal-10 ta' Marzu 2025;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' approprijazzjoni indebita ta' fondi appartenenti lill-Prijorat lokali tal-Ordni tat-Templari Pieta` dell' Pellicano matul iz-zmien li huwa kien jokkupa l-kariga ta' Gran Prijur ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Dr Josianne Cardona Gatt xehdet fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2024 fejn spjegat li hija kienet ghamlet kwerela kontra l-imputat Conrad Pace f'isem l-Ordni tal-Kavallieri Templari ta' Malta Pieta` dell' Pellicano li taghha huwa kien jokkupa l-kariga ta' Prijur. Tghid li fil-31 ta' Lulju 2021 hi u tlett persuni ohra kienu hallsu l-mizata ta' €1,250 biex dahlu bhala kavallieri/dama u s-somma ta' €250 bhala l-mizata annwali ghal dik is-sena. Conrad Pace kien jghid li parti mill-flus imorru ghall-Prijorat ta' Malta u l-maggor parti jmorri ghand l-Ordni fl-Italja. Tghid li meta ghamlu xi verifiki mal-Granmastru tal-Ordni Antonio Aloi, irrizulta li hafna mill-flus effettivament kienu qed jinzammu minn Conrad Pace. Ghalhekk saret kwerela fuq frodi. Ghalkemm kien hemm certu Paul Solomone fil-kariga ta' Kaxxier tal-Prijorat, Pace qatt ma kien jghaddilu l-informazzjoni rikjesta u ghalhekk qatt ma saru accounts sewwa. Spjegat li kien hemm okkazjonijiet fejn il-flus tal-mizati kienu jingabru in kontanti minn certu Jeanette Debono li kellha l-kariga ta' Seneskal u kienet is-siehba ta' Conrad Pace. Skont l-gharfien tax-xhud, is-Seneskal imbaghad kienet tghaddi dawn il-flus in kontanti lill-imputat. Taf ghax gieli sar hekk quddiemha. Rizultat tad-diskrepanzi li gew skoperti, il-materja kienet giet riferuta lill-Granmastru tal-Ordni Antonio Aloi li kkonvena il-Gran Magistrium (laqgha ta' kjarafika) sabiex jinvestiga, biss Conrad Pace ma kienx attenda ghall-laqghat. Hija kienet kellmet lil Pace biex titolbu jattendi ghall-laqgha izda huwa beda jirribatti li l-istorja kollha kienet makkinazzjoni kogurata minn Paul Salomone biex jiehodlu postu. Minhabba li accounts tal-Prijorat qatt ma saru, kien difficli li jsir rendikont ta' x'kien diehel u x'kien hiereg. Ix-xhud tghid li hija stess dejjem fdat u emmnet lill-imputat sal-punt li tkellmet mal-Granmastru Antonio Alloi u harget il-verita`. Illum l-Ordni tat-Templari ma ghadhiex tezisti izda dak li kien il-Prijorat ta' Malta gie assimilat mal-Ordni Pieta` dell' Pellicano tal-Italja that it-tmexxija ta' Paul Salomone bhala Seneskal.

Fl-istess seduta xehed Paul Salomone. Gharaf lill-imputat fl-awla u jghid li meta dahal Kavallier kien hallas mizata ta' €1,250 kif ukoll shubija annwali ta' €250. L-imputat kien qallu li l-patri l-kbira minn dawn il-flus tmur lejn il-Vatikan. Wara xi sentejn u nofs, l-imputat kien talbu biex ikun tezorier tal-Prijorat. Huwa accetta imma rendikonti finanzjarji qatt ma waslu. L-imputat kien gieli jitlob ukoll donazzjonijiet minghand il-membri sabiex jigu koperti allegati spejjez tal-Prijorat meta effettivament spejjez ma kienx ikun hemm. Ix-xhud haseb hazin u kien ikuntattja lill-Granmastru Antonino Aloi li minn naha tieghu qal li qatt ma kien ra sold mill-Prijorat ta' Malta hlief xi sommom zghar fis-sena 2021. L-imputat kien gie mitlub jaghti spjega ta' dan kollu lill-Ordni izda din qatt ma waslet. Konsegwenza ta' dan gie dizonorat u mkecci mill-Ordni. Jghid li bhala tezorier kien ifakkar lill-imputat li jridu jsiru l-accounts u jinghata handover sewwa izda l-imputat kien dejjem igib l-iskuzi u qatt ma sar xejn. Ix-xhud elabora li mill-informazzjoni li ghandu hu, l-imputat gie mghoddi €28,000 li minnhom ghamel xi spejjez meta nxtraw il-mantelli u oggetti ohra, biex il-bilanc finali huwa ta' €22,304. Minn din is-somma 60% kellu jmur ghand il-Granmastru u 40% jibqa' ghand il-Prijorat, li kont bankarju ma kellux. Jghid li l-fondi dejjem kienu jingabru in kontanti u l-pussess fiziku taghhom bilfors kien ghand l-imputat u ghand il-Granmastru ma mar xejn. Jispjega episodji fejn l-imputat kien fil-process li jistabilixxi fondazzjoni sabiex isir progett fil-Bulgarija izda sfaxxa kollox ghax in-Nutar ma giex imhallas u episodju iehor fejn ried jigbor €900 ghal persuna li allegatament kienu ser jaqtghula d-dawl u rrizulta li din kienet certu Yvette Spiteri, eks siehba tieghu. L-imputat kien qieghed ukoll jipprova jifforma Prijorat fl-Izrael u gabar flus minghand diversi persuni biex isiru Kavallieri meta skont ir-regoli tal-Ordni, il-Granmastru biss kellu l-poter li jinvesti Kavallieri godda. In kontro-ezami, stqarr li ma jafx li l-Granmastru Antonio Aloi kien f'xi punt inkarcerat dwar frodi.

Kevin Bonanno xehed fis-seduta tat-8 ta' April 2024 u wkoll stqarr li kein mitlub ihallas mizati biex iddahhal bhala Kavallier. Dawn il-flus thallsu lill-imputat fil-prezenza ta' certu Jeanette Debono li f'dak iz-zmien kienet f'relazzjoni mal-imputat. Eventwalment kien tkellem mal-Granmastru fl-Italja li qallu li qatt ma kien ircieva flus abbinati mas-shubija tieghu fl-Ordni. Isemmi eposidju fejn l-imputat kien talab donazzjonijiet biex tigi meghjuna mara fil-bzonn thallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma izda irrizulta li din il-persuna kienet certu "Yvette" li maghha ukoll kellu relazzjoni l-imputat. Huwa spicca hareg €350 wara t-talba tal-imputat, maqsuma in kontanti u tramite Revolut. Dan kien qabel ma eventwalment l-imputat spicca mkecci mill-Ordni wara li gie investigat dwar frodi. In kontro-ezami stqarr li huwa kien fil-grad ta' membru u ma kienx ghadu progressa bhala Kavallier. Ix-xhud ipprezenta ghadd ta' dokumenti li rrefera ghalihom fix-xhieda tieghu.

Fl-istess seduta xehed Joseph Gaffarena. Gharaf lill-imputat fl-awla. L-imputat kien stiednu jidhol Kavallier wara li ltaqa' mieghu f'kazin tal-banda. Ix-xhud xtaq jidhol u l-imputat informah li jkun irid ihallas €1,250 in kontanti. Dawn il-flus thallsu izda ircevuta ma inghatatx. Xi gimghatejn wara saret l-investitura fejn kien inghata mantell u kullana li skont ix-xhud, b'kollox kienu jiswew madwar €200 b'kollox. Beda jmur il-laqghat u nnota li n-nies dejjem kienu qed jonqsu. Eventwalment gie in kuntatt mal-Granmastru Antonio Aloi u dan qallu li l-investituta tieghu lanqas biss tghodd u li xejn mill-flus li huwa kien hallas lill-imputat ma kienu marru ghand l-Ordni. Fil-fatt, rega gie investit mill-Granmastru innifsu xi zmien wara f'Malta.

Fl-istess seduta xehed John Gaetan Gusman. Gharaf lill-imputat fl-awla. Kien iltaqa' mal-imputat u l-eks siehba tieghu Jeanette Debono. Ghaddielu s-somma ta' €1,450 in kontanti u l-imputat kien qallu li ser jahtru fil-kariga ta' Grand Commander mill-ewwel. Il-pagament gie mghoddi bhala mizata biex jigi nvestit Kavallier kif ukoll spejjez tal-mantell. Wara xi zmien, l-imputat talbu

jhallas is-somma ta' €250 bhala mizata annwali u kien talbu jharreg xi nies fl-uzu tal-armi minhabba li skont hu, it-Templari kienu Ordni militari u x-xhud kien imharreg fl-armi minhabba x-xoghlu. Dwar dan ma qabilx. Lanqas ma qabel meta l-imputat beda jitlob lill-membru kollha mizata ulterjuri ta' €40 fix-xahar fuq il-premessa li jkun irid jibghat il-flus lill-Ordni u lill-Vatikan. Eventwalment induna li kien hemm xi haga mhux f'postha ghax "dhalna biex naghmlu l-karita' imma karita' qatt ma saret". In riassunt jghid li mill-flejjes li hallas kull ma ha kienu l-mantell u par ingwanti u sar jaf li l-ebda mill-flus ma kienu marru ghand l-Ordni. In kontro-ezami ikkonferma li meta saret l-investitutra kien hemm cerimonja u ikla.

Fl-istess seduta xehed David Vella. Jghid li fis-sena 2020 sar jaf lill-imputat ghax ried jidhol Kavallier. Talbu jhallas €1,250. Dawn il-flus kien qed ihallashom lill-imputat bin-nifs. Kien investih il-Granmastru ghax kien prezenti f'Malta. Kien imur regolarment ghall-laqghat. Fis-sena 2022 saret investituta minghajr il-kunsens tal-Granmastru u minn hemm induna li kien hemm xi haga stramba. Fil-fatt, il-Granmastru kien ikkonferma li ma kienu ghaddew l-ebda flus ghandu.

Fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2024 xehed Antonino Alloi, li kien jokkupa l-kariga ta' Granmastru tal-Ordni tat-Templari Pieta' dell' Pellicano meta xehed. Ikkonferma li l-imputat Conrad Pace kien Prijur tal-Prijorat ta' Malta u fis-sena 2022 sar jaf li kien hemm problemi ta' bilanc fl-accounts u kien jidher li iddahhlu membri godda minghajr ma inghata rendikont lill-Ordni. Jghid li f'dak iz-zmien, lill-imputat kien jikkunsidrah habib tieghu u kien talbu spjegazzjoni, izda din qatt ma waslet. Ghalhekk kellhu jikkonvjeni l-Gran Kunsill tal-Ordni biex jinvestiga. Jghid li meta persuna jidhol membru gdid fl-Ordni, tingabar mizata ta' €600 li tmur ghand l-Ordni Internazzjonali. Mill-verifiki li saru, jidher

li kien hemm mal-€25,000 dovuti lill-Ordni li ma kienx hemm tracca x'sar minnhom. Rizultat ta' dan, l-imputat gie mkecci mill-Ordni u l-Ordni sofra dannu fis-sens li l-persuni kollha li gew investita b'mod klandestin mill-imputat, kellhom jigi investiti mill-gdid skont ir-regoli izda l-Ordni ma regghax gabar flus minghandhom. Dawn il-persuni jinkludu David Vella, Joseph Gaffarena, Paul Salomone, Kevin Bonanno u John Gusman. In kontro-ezami jghid li llum, is-sede ta' din l-Ordni huwa f'Reggio Calabria, l-Italja u ghandha kont bankarju mal-Bank Taljan Intesa San Paolo. Apparti hu bhala Granmastru, hemm ukoll ufficjali gholja ohra bhal Kancillier u Tezorier. Jghid li meta saret l-ewwel investitura, kien provda l-mantelli u regalja hu mill-Italja u l-imputat kien ghaddielu somma flus li kienet baxxa, imma minhabba li kien jidher li qed jaghmel hafna sfrozi, ma kienx ikkummenta. Meta saret investituta ohra, ha hsieb ta' kollox l-imputat. Kien biss wara li saret din it-tieni investituta li bdew diehlin ilmenti dwar l-amministrazzjoni tal-imputat.

Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2024, xehed minn jeddu l-imputat Conrad Pace. Ipprezenta ghadd voluminuz ta' dokumentazzjoni. Jghid li kien gie mahtur Gran Prijur tal-Prijorat ta' Malta u parti mill-irwol tieghu kien ir-reklutagg ta' membri godda. Kien ikun f'kuntatt kontinwu mal-Granmastru Antonino Alloi. Jghid li bejn is-snin 2019-2022 kienu saru tlett investiture. L-ewwel wahda saret f'kappella fil-Vatikan, imbaghad kien hemm investitura fl-2021 (meta gie investit ix-xhud Paul Salomone) u ohra fl-2022.  Jghid li l-Ordni kien jinvolvi ruhu f'inizjattivi filantropici u jaghti l-karita' u meta organizza investitura, din kienet tirrikjefa spejjez konsoderevoli. Per ezempju kien kera l-kappella tal-Kullegg St Edward's u Notre Dame Gate, bejtinethom €1,200. Kien sar ukoll gala dinner bi spiza ta' €35 ir-ras ghal 37 persuna li jsarraf fi spiza ta' €1,295. Jghid li l-problemi bdew wara li kienet saret investitura u ghaliha, il-Granmastru kien baghat bhala delegat lill-Isqof Salvatore Micallef li huwa

bazat Ruma u ghamel gimgha f'lukanda kollox imhallas mill-Prijorat ta' Malta. Wara ftit kien ircieva ittra mill-Kurja ta' Malta fejn inghat li dan l-Isqof Salvatore Micallef ma kienx rikonoxxut fil-Knisja Kattolika. Dwar dan kien kiteb ittra tramite l-avukat tal-Prijorat Josianne Cardona Gatt. Kien f'dak iz-zmien ukoll li kien ircieva ittra minghad Paul Salomone, li suppost kien qed jaqdi l-kariga ta' Tezorier, jghid li kien qed jirrizenja mill-Ordni minhabba mizapproprijazzjoni ta' fondi. Jghid li l-Ordni qatt ma kellu fondi tieghu per se ghax il-flus li jingabru kienu jmorru ghall-ispejjez. L-unika darba fejn kienu ngabru fondi kienet f'attivita' kongunta mal-Kunsill Lokali ta' Haz-Zabbar u l-flus li kienu ngabru marru direttament sabiex tigi meghjuna tarbija fil-bzonn. Jattakka l-kredibilita' tax-xhud John Gusman billi jghid li dan kien tkecca mill-Ordni minhabba involvimenti f'riti satanici u li minhabba fih, tkissret il-familja tieghu ghax l-eks tal-imputat illum qieghda f'relazzjoni mat-tifel ta' dan John Gusman. Lanqas ma jista' jifhem kif illum Dr Josianne Cardona Gatt tghid li ghamel mizapproprijazzjoni meta kienet involuta mieghu f'kollox. Jghid li impossibbli li l-Ordni qatt kellha circa €30,000 fondi ghax matul il-perjodu li kien responsabbli hu, kull ma kien hemm f'dak iz-zmien kienu madwar hames membri li allura jekk tghodd kollox ma ngabrux aktar minn €7,000. Jghid li fl-1 ta' Awwissu 2021 u 2022 il-Granmastru kien approvalu l-infieq relatat mac-cerimonji tal-investitutra u kien hemm okkazjoni fejn sahansitra mar b'€1,300 minn taht ghax gew aktar mistiedna mill-Italja milli previst. Jerga jtenni li fiz-zmien li ghamel responsabbli hu ingabru madwar €7,000 li kollha huwa 'accounted for'. Gie pprezentat sahansitra vidjo tac-cerimonja tal-investitura. In kontro-ezami jghid li fi zmienu saru tlett investituri: l-ewwel wahda Ruma fejn thallas kollox direttament Ruma, it-tieni wahda (li fiha gie nvestit Paul Salomone u erba persuni ohra) saret Malta fil-kappella tal-Kullegg St Edwards u t-tielet wahda saret fil-Kappella tal-Monesteru ta' Santa Katerina, l-Belt u fiha gew investiti zewg persuni – certu Jurgen Briffa u persuna Gappuniza li ma kienitx hallset ghax giet investita b'mod onororju. Jghid li l-mizata ta' shubija

annwali ta' €250 kienet tinqsam bin-nofs bejn Malta u l-Italja. Mill-banda l-ohra, il-'one time fee' ta' €1,250 tinqasam in kwantu circa €600 spejjez amministrattivi tal-Ordni centrali fl-Italja, u mill-kumplament jithallsu l-ispejjez tal-uniformi, medalji, certifikati u l-investitura. Il-flus kien li kellu jghaddi lill-Granmastru kien jghaddihom in kontanti. Meta saret l-investitura Ruma, kulhadd kien hallas direttament hemmhekk, filwaqt li meta saret l-investitura Malta, kien ghadda €800 u xi haga żghira fuqhom lill-Granmastru. B'referenza ghad-dokumenti li pprezenta, jghid li dawn ikopru l-infieq li kien jaghmel u kien ikun hemm il-laqghat regolarment f'Palazzo Abela, Hal Tarxien, izda Paul Salomone kien ghamel zmien ma jattendix ghax kien imhabbat bil-politika. Fuq domanda tal-Qorti jghid li l-Prijorat tal-Ordni f'Malta beda fis-sena 2019 u hu dam responsabbli sal-2022. Minhabba l-fatt li l-Prinjorat ma kellux kont bankarju, il-ftit flus li kien ikun hemm kienu jinzammu minn Dr Josianne Cardona Gatt bejn is-snin 2021 u 2022 u minn Jeanette Debono fis-sentejn ta' qabel, izda 'surplus' ma kienx ikun hemm.

**Ikkunsidrat:**

Fit-trattazzjoni, il-prosekuzzjoni ssostni li l-kaz gie sufficjentament ipprovat primarjament a bazi tax-xhieda ta' Paul Salomone meta jghid li minkejja li gie mahtur Kaxxier, qatt ma inghata handover tal-accounts kif ukoll ta' Antonino Alloi, li jghid li ftit li xejn qatt waslu ghandu flus mill-Prijorat ta' Malta. Id-difiza mill-banda l-ohra tghid li l-Prijorat qatt ma kellu flejjes kbar ghad-dispozizzjoni tieghu u mill-ftit li kien ikun hemm, riedu jithallsu hafna spejjez, l-akbar fosthom dawnk tac-cerimonji tal-investitura. Ittenni li l-imputat ipprezenta dokumentazzjoni li ssostni dan kollu u li aktar importanti, mix-xhieda tal-avukat Dr Josianne Cardona Gatt johrog li meta kient tikkollabora mal-imputat fil-kariga ta' Gran Seneskal, ma ratx irregolaritajiet. Id-difiza

ttemm tghid li din l-istorja inqalghat kollha meta dahal in ballo Paul Salomone u holoq 'power struggle' ghax ried jikseb l-influwenza hu u li l-Ordni tigi affiljata mal-partit politiku tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab mixli bir-reat ta' approprijazzjoni indebita. L-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jtenni li *"kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdatajew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar: Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti".*

L-Artikolu 294 imbaghad izid li *"madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħatiminħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio,u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn".*

Hawnhekk, qed jigi allegat fil-konfront tal-imputat li kien fil-pussess tal-flejjes allegatament mizapproprijata minhabba l-professjoni, industrja, kummerc amministrazzioni, kariga jew servizz tieghu, u cioe` l-kariga ta' Gran Prijur tal-Ordni tat-Templari Pieta` dell' Pellicano.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Alan Azzopardi et*** (Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, Deciza 24 ta' Novembru 2000) fejn gie ritenut:

> *Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprazzjoni indebita huma dawn li gejjin:*

*1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprazzjoni indebita, imma s-serq.*

*2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni indebita (kif fil-fatt gara f' dan il-kaz meta sar il-bejgh)*

*3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

*4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha jew jbiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

*5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm d-dannu patrimonjali kawzat lil proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni indebito.*

*Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Marzu,** 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat jdawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni indebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li pesuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiehor,*

*liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-artikolu 293 tal-Kodici taghna.*

*In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn l-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara **Crivellari - Dei Reati contra la Proprieta** – pg. 498; ediz. 1998).*

*Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu **Elementi Iuris Criminali -** (para 1020) jiddefinixxi dan* ir*-reat li huwa jsejjahlu bhala:*

*"il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

***Carrara** fil-kieb tieghu **Diritto Penale** taht t-titolu **Esposizione dei Delitti Inspecie***

*(vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan r-reat bhala:*

*" la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

*Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide **Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciz nhar l-erbatax***

***ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia deciz nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949** u **Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciz nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.**)*

*B'dan il-Qorti trid tfisser li irid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati in buona fede.*

Intant, huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu *Diritto Penale* (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

*"Il cosi` detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioé oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Philip Zammit*** et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "dubbju jkun dak dettat mir-raguni".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Peter Ebejer***, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi

kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn Lord Denning fil-kaz ***Miller vs. Minister of Pension*** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tevalwa x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju 1998 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader*** hemm riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet ***Teper vs. The Queen*** [1952] AC 480, 489.

> *"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference".*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana*** (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001) gie kkunsidrat:

> *'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun cara u univoka fis-sens li twassal necessarjament, u f'kuntest ta' dak li hu ragjonevoli, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq*

*cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs. Francis Gafa'*** (deciza fit- 8 ta' Marzu 2017), il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) qalet is-segwenti:

*"F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir talProsekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit flimputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħosshiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament.

Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioé li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat:**

Illi applikati l-principji appena enuncjati ghall-kaz odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kaz tal-prosekuzzjoni huwa wiehed debboli.

Ma ngiebet l-ebda prova konkreta tal-ammont tal-flejjes mghoddija lill-imputat u lanqas ma ngiebet prova sal-grad rikjest li l-imputat zamm jew uza dawn il-flejjes ghalih innifsu. Mill-banda l-ohra, fuq bazi ta' probabbilita', tramite x-xhieda tieghu u d-dokumenti pprezentati, l-imputat gab prova tal-infieq li kien qieghed jaghmel mill-flejjes tal-Prijorat. Il-Qorti tosserva li l-fatt li verament saru l-avvenimenti li tirreferi ghalihom id-dokumentazzjoni ma gew bl-ebda mod attakkati mix-xhieda multipli tal-prosekuzzjoni. Dan ifisser li mhux ikkontestat, per ezempju, li saret cerimonja tal-investitutra matul iz-zmien li l-imputat kien responsabbli. Issa huwa ovvja li biex torganizza avveniment bhal dan wiehed irid jinkorri spejjez u r-rendikont tal-ispejjez prezentat mill-imputat jidhru verosimili.

In parentesi, il-Qorti trid tikkummenta ukoll fuq il-kredibilita` u affidabilita` tad-dirigenza tal-Ordni kwerelanti, fejn mill-provi in atti sahansitra johrog li kienet deputat persuna biex jufficcja fic-cerimonji tal-Ordni fil-kapacita` ta' Isqof Kattoliku meta fil-fatt kien imkecci mill-ministeru sacerdotali mill-Vatikan.

In riassunt, ghalhekk, il-Qorti tikkonkludi li l-kaz tal-prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat bl-ebda mod ma jilhaq il-grad rikjest u l-ispjegazzjonijiet moghtija mill-imputat fix-xhieda tieghu huma, fuq bazi ta' probabbilita' aktar kredibbli. Ghalhekk ma tistax issib htija.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Qorti qed tiddikjara lil Conrad Pace **mhux hati** tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena.

**Moghtija illum nhar it-2 ta' Gunju 2025 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Registratur**